# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' April, 2001.**

**Numru 5**

**Citaz. Nru. 200/99GV**

**Doc. Nru. 61-01**

**L-avukat Peter Caruana Galizia bhala prokuratur tal-assenti Rose Proctor, kultant indikata ukoll bhala Rose Procter**

**vs**

**Carmelo sive Charles, Mario u Joseph ahwa Dingli, u Giovanna sive Jane mart l-istess Carmelo sive Charles Dingli u Anna mart Joseph Dingli**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi bl-ittra ufficjali tas-7 ta' Mejju, 1998 (kopja Dok. A) prezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-istess data u mibghuta lill Rose Proctor bhala eredi ta' Emmanuela sive Emma Bugeja, il-konvenuti allegaw:

a) li c-cedola ta' fidi ta' cens tat-2 ta' Lulju, 1993 (nru. 848/93) hija nulla u inattendibbli, u

(b) li l-propjeta' tal-art maghrufa ta' Giokondu mill-liema il-Villa fuq imsemmija u cioe' Villa Ozark, gja' Villa Dingli fi Triq Wied Mejxu, tal-Ibragg, St Andrew's limiti Birkirkara, tifforma parti zghira tappartjeni lilhom.

Premess illi l-imsemmija Rose Proctor tipprossjedi din il-villa inkluz l-art sottostanti u l-gnien anness, bhala eredi universali ta' ohtha Emmanuela sive Emma Bugeja li mietet fil-15 ta' April, 1998 u li kienet wirtet l-istess villa b'titolu ta' legat minghand l-ewwel ragel taghha Nazzareno sive Reno Dingli li kien bena l-istess villa fuq porzjon art ta' cirka elf seba' mija sitta u sebghin metri kwadri (1776m2) (site plan dok. C) kif soggetta ghal rata taghha tac-cens originali mposta fuq it-territorju kollu Ta' Giokondu liema rata kienet ekwivalenti ghal Lm106.11 fis-sena u li gie regolarment mifdi minn Emmanuela sive Emma Bugeja bl-imsemmija cedola u ghalhekk tixtieq tehles minn din il-jattanza skond il-ligi.

L-attur nomine talab li din il-Qorti:

1. Taghti lil konvenuti zmien qasir u perentorju sabiex fih igibu l-quddiem b'kawza l-pretenzjonijiet premessi;

2. tordna fin-nuqqas ta' dan li l-istess konvenuti jigu impeduti li jagixxu qatt izjed ghal dawn il-pretenzjonijiet u jigu kundannati ghal skiet perpetwu;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti,

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 14 tal-process fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi qabel xejn l-attur irid jaghmel prova tal-prokura tieghu u tal-kwalita' tal-attrici bhala eredi;

3. Illi fi kwalsiasi kaz huma l-propjetarji diretti tal-art in kwistjoni u huma fil-pussess tal-istess cens li gie minnhom mifdi u ghalhekk ma jistax jigi mpost lilhom terminu fuq dak minnhom possedut;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-attur qed jitlob li din il-Qorti taghti zmien qasir u perentorju lill konvenuti sabiex fih igibu ‘l quddiem b’kawza l-pretenzjonijiet taghhom; tordna fin-nuqqas ta’ dan li l-istess konvenuti jigu impeduti li jagixxu qatt izjed ghal dawn il-pretenzjonijiet u jigu kkundannati ghal skiet perpetwu.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew illi l-attur irid jaghmel prova tal-prokura tieghu u tal-kwalita’ tal-attrici bhala eredi; fi kwalunkwe kaz huma propjetarji diretti ta’ l-art in kwistjoni u huma fil-pussess ta’ l-istess cens li gie minnhom mifdi u ghalhekk ma jistax jigi mpost lilhom terminu fuq dak minnhom possedut.

**PROVI**

**L-attur** xehed li hu jirrapprezenta lill Rose Proctor li tghix l-Amerika u li hija l-eredi ta’ Emma Bugeja kif jidher mid-dokument a fol. 27. Il-kljenta tieghu kienet irceviet ittra ufficjali Dok. A fol. 5 minghand il-konvenuti fejn infurmawha li c-cedola Dok P1 fol. 36 li ohta kienet ipprezentat biex tifdi c-cens kienet nulla u li l-propjeta’ li fuq

inbniet il-Villa Ozark kienet taghhom. Il-konvenuti kienu qed jippretendu li l-legat imholli lill ohtha minn zewgha Reno Dingli kellu jiftiehem fis-sens li dan ried ihallila biss il Villa u mhux l-art ta’ tahtha. Il-konvenuti kienu qed jirrifjutaw li jizbankaw l-ammont depozitat bic-cedola biex jinfeda c-cens. Billi l-attur ma qabilx ma l-interpretazzjoni tal-konvenuti kellu jipprocedi b’din il-kawza.

Fuq kontro-ezami wiegeb li meta saret ic-cedola kienet saret korrezzjoni fis-sens li fl-okkju minflok l-ahwa Dingli gew sostitwiti l-familja Grech  li kienu d-direttarji ara fol. 53. Il-konvenuti xtraw ic-cens minghand il-familja Grech . Il-familja Grech bieghu cens li kien diga’ mifdi. Grech irtiraw id-depozitu ta’ cens li ghamlet Bugeja.

**Il-konvenut Carmelo Dingli** xehed li z-ziju tieghu Reno Dingli kien bena Villa fuq l-art ta’ Gjokondu li kienet ghada indiviza. Hu kien halla din il-Villa lill Emma Bugeja u lill konvenuti  bhala eredi. B’kuntratt ta’ divizjoni tal-21 ta’ April, 1992 Reno Dingli u Joseph Buttigieg qasmu bejnithom it-territorju ta’ Gjokondu. L-art li fuqha mibnija l-villa u bicciet ohra misset lill konvenuti. B’kuntratt tas-6 ta’ Frar 1997 fol. 17 il-konvenuti fdew ic-cens fuq l-art in kwistjoni u akkwistaw in-nuda propjeta’ ta’ din l-art u ghandhom pussess ta’ l-art li fuqha hi mibnija l-villa. Rose Proctor issa qed tghid li ma tistax tbiegh il-villa imma huma qed isostnu li din ghandha difett fit-titolu taghha. Dwar ic-cedola li semma l-attur qal li huma qatt ma kienu jithallsu cens. Huma kienu ihallsu cens lill familja Grech fuq sbatax il-tomna.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**Artikolu  403 Kap 12**

Meta f'atti gudizzjarji, jew xort'ohra bil-miktub, persuna tippretendi li ghandha xi jedd , il-parti li trid tehles din il-pretensjoni tista' fi zmien sena mill-istess pretenzjoni , titlob, b'citazzjoni, li jigi moghti zmien lill-persuna li ppretendiet li ghandha dak il-jedd, biex iggib 'il quddiem b'kawza dik il-pretenzjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan, jigi lilha impedut li tagixxi qatt izjed ghal dik il-pretenzjoni.

*"Per farsi luogo all'esercizio della'azione di jattanza e' necessario provare il possesso delle cose sopra cui fossero millantate delle pretensioni."* (Imbroll -vs- Ellul deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1858 - Vol I pl p171)

*"Quando in un controprotesto si deduce un atto di difesa contro pretensioni millantate dalla controparte non sono applicabili i disposizioni dell'articolo 425 et seq de Codice di Procedura Civile."* (Spiteri Agius Bonnici vs Formosa deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Novembru, 1864, Vol XVI p.II p 398).

*"Per essere sostenuta l' azione di jattanza e' neccessario che l'attore provi di essere nel possesso delle cose o del diretto su cui tentano le millantazioni e di avere interesse a liberarsene. Nel giudizio sommario di jattanza pero' l'attore non deve provare un gusto titolo di possesso sulla cosa controversa; e' sufficiente la prova egli de facto la possega."* (Spiteri Agius vs Formosa, Vol. VIII p 169).

*"Non a tutti e' accordato il diritto di promuovere il giudizio di jattanza ma soltanto a coloro che nella millantazione di un terzo fossero molestati nelle cose o nel diritto da loro posseduti giacche' essendo la detta azione originata dalla Legge Diffamario del Codice Romano nel titolo DeIngenius et Manumissis a favore di cui fosse turbato nel possesso del suo stato personale di libero et ingenuo contro coloro che spargevono voci inguriose diffamanti sul suo stato d'ingenuita', era stata dalla gurisprudenza estesa ed applicata anche a favore di coloro contro i quali non si vantasse di aver qualche diritto di qualuncue sorte esperibile in giudizio. Onde i pretori avevano stabbilito la regola che per l'esercizio del giudizio di jattanza non bastasse di dimostrare l'interesse che e' la base di qualunqe azione giudiziale ma anche il possesso delle cose o del diritto su cui versassero le millantazioni."* (Galea vs Cutajar Vol VII p.19).

*"Non si deve estendere il diritto di promuovere l'azione di jattanza oltre i limiti prescritti dell'antica giurisprudenza ed accordarlo a chuiunque avesse un interesso sebbene non possessore......* (Cilia La Corte vs Caruana deciza mill-Prim Awla fl-24 ta' Marzu, 1844).

Dan l-insenjament hu spjegat fit-trattat "*Guirisprudenza del Codice di Procedura Civile*" ta' Cremona (Vol I p875 et seq). Insenjament li hu *a sua volta* bazat fuq l-Annotazzjoni fuq id-Dritt Municipali (Vol I p260) ta' Sir Antonio Micallef. Insenjament li baqa' segwit mill-gurisprudenza aktar ricenti. Hekk per ezempju ssir riferenza ghal din is-sentenza fost ohrajn.

"Huwa rekwizit tal-millantazzjoni illi l-persuna li kontra taghha ssir il-millantazzjoni tkun fil-pussess ta' dak li fuqu ssir il-millantazzjoni." (Vol XXIX pII p678).

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti l-atturipprezenta prokura mac-citazzjoni Dok a fol. 6 u testment a fol. 27.

Fit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti qalu fi kwalunkwe kaz huma propjetarji diretti ta' l-art in kwistjoni u huma fil-pussess ta' l-istess cens li gie minnhom mifdi u ghalhekk ma jistax jigi mpost lilhom terminu fuq dak minnhom possedut.

Dwar din l-eccezzjoni u l-mertu tat-talba ta' l-attur jirrizulta mill-provi li Rose Proctor hija l-eredi ta' Emma Bugeja li kienet il-propjetarja tal-villa Ozark f'St Andrews. Proctor giet biex tbiegh din il-villa izda sabet ostakolu l-pretenzjoni tal-konvenuti li l-art li fuqha hija mibnija l-villa hija taghhom (ara ittra ufficjali a fol. 5). Ghalhekk saret din il-kawza.

Jirrizulta li Rose Proctor **tipposjedi** din il-Villa inkluz l-art sottostanti u gnien anness Dok a fol. 9 bhala eredi universali ta' ohta Emma Bugeja fol. 27 li kienet wirtet b'titolu ta' legat minghand zewgha Reno Dingli din l-istess villa fol. 39 soggetta ghal cens li kien dovut fuq it-territorju kollhu liema cens l-attur qed jissottometti li gie mifdi b'cedola dok a fol. 36. Skond l-attur il-konvenuti xtraw ic-cens taghhom wara li Bugeja kienet fdiet taghha.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur ser isofri pregudizzju bil-pretenzjonijiet tal-konvenuti u ghalhekk it-talba tieghu hija gustifikata. Mill-ittra ufficjali ezibita' jirrizulta li l-konvenuti qed jippretendu li ghandhom jedd u l-attur hu gustifikat li jrid jehles minn din il-pretenzjoni

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tilqa' l-ewwel talba attrici u taghti lill konvenuti tliet xhur zmien biex fih igibu quddiem il-pretenzjoni taghhom u tirriserva li tipprovvdi dwar it-tieni talba fi stadju ulterjuri f'kaz li dan it-terminu jghaddi inutilment

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

Il-kawza tibqa' differita' ghad-29 ta' Ottubru, 2001 ghall-informazzjoni ulterjuri.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**